MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PETER BORG COSTANZI**

Seduta tas-27 ta' Frar, 2007

Talba Numru. 928/2006

**Talba Nru: 928/06PBC**

**St. Emilion Caterers Limited [C 12112] u b'digriet tat - Tribunal datat 25 ta' Jannar, 2007 giet imhassra l-kelma "Limited"**

**Vs**

**Raymond Fauzza**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li bih il-kumpanija attrici talbet li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta` tlett mitt lira Maltin (Lm300) u dan peress illi fis-sena 2005 il-konvenut kien avvicina lid-direttur tas-socjeta` attrici, Charles Spiteri, sabiex is-socjeta` attrici tisilfu xi flus u fil-fatt is-Sur

Spiteri ghan-nom tas-socjeta` attrici silef lill-konvenut is-somma ta` hames mitt lira Maltin (Lm500) u li l-konvenut ghadda lis-socjeta` attrici merkanzija valur ta` mitejn lira Maltin (Lm200) akkont ta` debitu biex b'hekk qieghed jitlob il-bilanc ta` tlett mitt lira Maltin (Lm300).

Illi l-konvenut wiegeb illi huwa gja` hallas lill-atturi s-somma ta` erba` mija u sebghin lira Maltin (Lm470) u ghalhekk it-talba attrici ghandha tigi michuda.

Sema` x-xhieda ta` Charles Spiteri, Victor Deguara u ta` Raymond Fauzza.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema` t-trattazzjoni ta` l-avukati difersuri tal-partijiet.

**Ikkunsidra**

Illi s-socjeta` attrici qeghda titlob bilanc mis-somma ta` hames mitt lira Maltin (Lm500) minnha allegatament mislufa lill-konvenut.

It-Tribunal sema` x-xhieda ta` Charles Spiteri li xehed illi tali self sar permezz ta` zewg cekkijiet u fil-fatt fis-seduta tat-12 ta` Frar, 2007 gew esebiti kopji ta` l-istess cekkijiet li fil-fatt igibu total ta` erba` mija u sebghin lira Maltin (Lm470).

Illi ghalhekk jirrizulta li l-ammont ta` flus mislufa kien ta` erba` mija u sebghin lira Maltin (Lm 470) u mhux hames mitt lira Maltin (Lm500).

Il-partijiet qablu illi parti minn din is-somma giet kompensata billi l-konvenut kien ta ammont ta` spirti u xorb lis-socjeta` attrici u l-veru vertenza bejn il-partijiet hija fir-rigward tal-kwantita` u valur ta` l-istess xorb. Is-socjeta` attrici tikkontendi illi fil-fatt meta dan ix-xoghol kien qed jigi mholli maghha, hija kienet taghti l-istess xorb lil Victor Deguara sabiex jezamina x-xorb u jimputa l-valur ta` l-istess flixkun, u fil-fatt b'hekk waslu ghas-somma ta` mitejn lira Maltin (Lm200), mentri l-konvenut qal illi kien

miftiehem bejniethom li jkun hemm *flat rate* ta` hames liri Maltin (Lm5) ghal kull flixkun hu x'inhu t-tip ta` xorb.

Il-partijiet qablu illi meta nghata dan ix-xorb kien hemm lista izda, haga ta` l-iskantament, hadd minnhom ma zamm kopja ta` l-istess lista u fil-fatt fis-seduta tat-12 ta` Frar, 2007 il-konvenut ipprezenta lista ohra ta` xorb li hu qal li tirrapprezenta l-lista ta` xorb li ta lis-socjeta` attrici pero` ghamilha mill-memorja fil-mori tad-differiment.

It-Tribunal m'huwiex konvint li din il-lista hija ghal kollox korretta pero` mill-banda l-ohra t-Tribunal huwa wkoll konvint illi meta l-partijiet ftehmu li l-konvenut jaghti x-xorb lis-socjeta` attrici, kien difficli ghall-kumpanija attrici li taccetta b'ghajnejha maghluqa li kull flixkun xorb jigi mputat valur ta` hames liri Maltin (Lm5) ikun x'ikun ix-xorb ghaliex mod ikollok flixkun ta` l-inbid biz-zewg liri Maltin u hamsin centezmu (Lm2.50c) u mod li jkollok flixkun Remy Marten bi tnax-il lira Maltin (Lm12).

Inoltre ma tantx huwa kredibbli li l-konvenut kien ikun daqstant generuz biex jaghti flixkun xorb li jiswa tnax-il lira Maltin (Lm12) meta jaf li ser jigi kkreditat hames liri Maltin (Lm5). Il-lista esebita mill-konvenut fit-12 ta` Frar, 2007 turi lista ta` xorb fil-valur ta` sitt mija w erbghin lira Maltin (Lm640). L-atturi kkontestaw kemm il-kwantita` kif ukoll il-kwalita` tax-xorb indikat u ghalhekk fid-dawl ta` dan il-kunflitt it-Tribunal m'ghandux alternattiva hlief li jghid li ghalkemm gie ppruvat li gie kkonsenjat ammont ta` xorb, m'hemmx prova konkreta dwar il-kwantita` u t-tip.

Dan it-Tribunal irid isib soluzzjoni li tkun ekwa u li taghmel gustizzja maz-zewg partijiet. Dan l-ezercizzju gie rez aktar difficli minhabba l-fatt illi kemm Charles Spiteri u kif ukoll Raymond Fauzza fdaw lil xulxin u trattaw lil xulxin bhala irgiel u l-ftehim ta` bejniethom kien wiehed ibbazat fuq l-irgulija izda milli jidher dan il-ftehim ma kienx preciz bizzejjed u jidher car ukoll li z-zewg partijiet kienu qeghdin jahsbu li l-ftehim kien differenti minn kif il-parti l-ohra kienet qeghda tahsibha.

Illi ghalhekk tenut kollox, it-Tribunal huwa tal-fehma illi dan it-Tribunal ghandu jzomm quddiem ghajnejh valur approssimattiv ta` kemm seta` jiswa x-xorb u kif ukoll l-entita` tax-xorb li gie mholli li, ghalkemm bhala kwantita`, m'hemmx prova cara u preciza pero`, t-Tribunal m'ghandux dubju illi n-numru ta` fliexken li gew ikkonsenjati mill-konvenut lill-attur kienu konsiderevoli u jekk ma kienx hemm 92 flixkun, in-numru certament kien wiehed vicin.

Dwar it-tip ta` xorb, huwa probabbli li kien hemm kwantita` ta` inbid, kif anki affermat mill-atturi, w anki kien hemm xi spirti u forsi seta` kien hemm numru zghir ta` spirti ta` certu livell ta` prezz.

Tenut kont ta` dawn il-fatturi, u partikolarment in mankanza tal-produzzjoni tal-lista orginali, t-Tribunal huwa tal-fehma li, *arbitrio et bono viri* u fuq bazi ekwitattiv ix-xorb ikkonsenjat mill-konvenut lis-socjeta` attrici ghandu jigi mputat ghal mitejn u hamsa u sebghin lira Maltin (Lm275). Dan huwa ftit iktar minn kemm ikkalkulat is-socjeta` attrici izda ferm inqas minn kemm allega l-konvenut. B'hekk mill-erba` mija u sebghin lira Maltin (Lm470) il-konvenut ghad fadallu jhallas is-somma ta` mija u disghin lira Maltin (Lm190), naturalment flimkien ma` l-interessi legali kif mitlub fl-Avviz.

Jirrizulta ppruvat illi l-ewwel Ittra Ufficjali saret fit-22 t`Awissu, 2006 u konsegwentement l-interessi ghandhom jibdew jiddekorru minn dakinhar.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta` u jiddeciedi billi jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta` mija u disghin lira Maltin (Lm190) flimkien ma` l-interessi mit-22 t`Awissu, 2006. L-ispejjez tal-kawza minhabba c-cirkostanzi partikolari tal-kaz, huma kwantu ghal zewg terzi (2/3) ghall-konvenut u terz (1/3) ghas-socjeta` attrici.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------